**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Sean Farrugia**

**Kumpilazzjoni 27/2020**

**Illum 24 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sean Farrugia** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 389789M billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' bejn is-01:30hrs u s-13:40hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Istanbul Kebab House li jinsab fi Triq ix-Xatt, Gzira ikkommetta serq ta' 420 Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija hanut u/jew ta' xi persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Habibullah Afghan kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli nhar is-6 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' is-02:00hrs minn gewwa l-lukanda bl-isem ta' Blubay Hotel li tinsab fi Triq Sir Frederick C. Ponsomby, Gzira ikkommetta serq ta' 650 Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija lukanda u/jew ta' xi persuna/i ohra;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Milos Stojankovic kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex jkun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li bih tat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet ;

8. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Arthur Azzopardi li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti u dan anke wara l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Semghet lill-Ispettur Fabian Fleri ghall-Prosekuzzjoni jirrileva illi t-tieni (2) imputazzjoni hija kompriza fl-ewwel (1) imputazzjoni u l-hames (5) imputazzjoni hija kompriza fir-raba' (4) wahda. Irrileva ukoll li t-tielet (3) u s-sitt (6) imputazzjoni hemm imposta fuqhom multa tassattiva li hija mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghal kull imputazzjoni.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rigward il-piena il-Qorti ttenni dak li sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Roderick Darmanin**[1] fit-8 ta' Jannar 2020 li:

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 17(f), 49, 50, 86, 87(1)(c)€ 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2) u 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Atikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-sitt (6) u tas-seba' (7)

[1] Appell Nru. 314/2014 deciz mill-Imhallef Edwina Grima

imputazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjoni li huma komprizi fl-ewwel (1) imputazzjoni u fir-raba' (4) imputazzjoni u tikkundannah tliet (3) snin prigunerija u multa ta' mitejn u erbgha u tletin ewro (€234).

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex inghata l-helsien mill-arrest, rrizultat sodisfacentament pruvata u dan wara ammissjoni tal-istess imputat.

Illi l-fatt li l-imputat **kiser ordni moghtija mill-Qorti**, **huwa fatt serju hafna u ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn persuni li l-ordnijiet li jinghataw mill-Qorti flok isegwuhom u jimxu b'mod strett maghhom hemm min jistma id-dokumenti tal-Qorti bhal karta li tintuza biex jgezwru z-zokkor jew l-iskalora.**

Il-Qorti wara li rat 579(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-**Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon**[2] deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, "*illi la darba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat … din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f' dan il-kaz*" filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fit-12 ta' Settembru 2018 mill-Magistrat Josette Demicoli, tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

Il-Qorti qegħda tordna li l-garanzija li tammonta ghal sitt elef ewro (€6,000) jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

[2] Appell Nru. 137/08

Rigward it-talba biex l-imputat ihallas ghall-hatra tal-esperti kien dikjarat li ma kienx hemm ghaliex l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih fl-aktar stadju bikri meta saret korrezzjoni fl-att tal-akkuza u sar l-ezami mill-gdid fis-seduta tal-llum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fil-perjodu li tipprovdi l-ligi.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**